ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA **IL-MALTI (L-ORAL)** **KARTA 2**

IL-KARTA TAL-ISTUDENT

2A: Il-Qari Mgħajjat: It-Test Letterarju 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: Ix-xemx li tfexfex

Ix-xwejjaħ ta' Ħad-Dingli kont issibu dejjem fuq ħaġra quddiem l-għorfa tiegħu. Kien baqa' ferrieħi u kien iħobb iħarref xi waħda. Għalhekk it-tfal ma kinux jiddejqu jitilgħu ħdejh, jisimgħu xi praspura minn tiegħu.

Kif tkun waslet biex tinżel ix-xemx, kien iħares ċass lejn il-baħar u jġiegħel lit-tfal iħarsu wkoll. Imbagħad biex jiċċajta magħhom kien jgħidilhom, "Issa jekk toqogħdu kwieti, dalwaqt tisimgħu x-xemx tfexfex kif tmiss mal-ilma." It-tfal kienu dejjem iwaqqfu widnejhom iżda qatt ma semgħu xejn.

Darba x-xwejjaħ ma deherx u l-ħaġra baqgħet vojta. It-tfal beżgħu jidħlu fl-għorfa għalkemm kellha l-bieb imbexxaq. Iżda l-akbar wieħed fosthom għamel il-kuraġġ u daħal, u warajh daħlu lkoll.

Raw ix-xiħ mitluq għajjien fuq is-sodda. It-tfal baqgħu siekta bilwieqfa ċċassati lejh sa ma għalaq għajnejh u ma fetaħhomx iżjed. B'rashom mgħaddsa telqu lura lejn darhom. It-tfal ma kellhomx qalb jilagħbu u jiċċajtaw. Iżda meta dik il-lejla ħarsu lejn il-baħar kif kienu jħarsu max-xiħ, dakinhar kienu ċerti li x-xemx semgħuha tfexfex.

(silta addattata minn *Stejjer minn tarf ir-raħal* ta' Ġorġ Borg, 1998)

2B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżamintur. Tista' tikkwota kelma b'kelma mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Minn dak li qrajt, ikkummenta dwar il-karattru tax-xiħ.

2. Minn dak li qrajt, x'tip ta' relazzjoni kien hemm bejn it-tfal u x-xiħ?

3. Kif taħseb li nbidlet il-ħajja tat-tfal wara li x-xiħ ma baqax magħhom?

4. X'taħseb li ried iwassal l-awtur lill-qarrej ta' din is-silta?

5. Liema kienet l-iktar ħaġa li laqtitek fl-istorja? Għaliex?

2Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

Ix-xjuħ ta' min iħobbhom u jirrispettahom

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Mal-eżaminatur ser tiddiskuti t-tema li tidher hawn fuq. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt li tiddiskuti t-tema. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.